2025/1551

25.7.2025

DEĊIŻJONI (UE) 2025/1551 TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI

tat-23 ta' Lulju 2025

li taħtar Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 253 u 255 tiegħu,

Billi:

(1) Il-mandati ta' 13-il Imħallef u ħames Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja skadew fis-6 ta' Ottubru 2024, fosthom dak tas-Sur Alexander ARABADJIEV.

(2) Għandu jkun hemm ħatra biex timtela din il-kariga għall-perjodu mill-15 ta' Settembru 2025 sas-6 ta' Ottubru 2030.

(3) F'dan il-kuntest, is-Sur Alexander KORNEZOV ġie propost għall-kariga ta' Mħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja.

(4) Il-kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ta opinjoni favorevoli dwar l-idoneità ta' dan il-kandidat sabiex jaqdi d-dmirijiet ta' Mħallef tal-Qorti tal-Ġustizzja,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur Alexander KORNEZOV huwa b'dan maħtur Imħallef tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-perjodu mill-15 ta' Settembru 2025 sas-6 ta' Ottubru 2030.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Lulju 2025.

Il-President

C. GRØNBECH-JENSEN